IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.12.2024
COM(2024) 567 final

2024/0315 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/399 fir-rigward ta' bidu progressiv tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għall-proposta**

Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES, Entry/Exit System) hija komponent kruċjali tal-ġestjoni tal-fruntieri taż-żona Schengen, stabbilit fir-Regolament 2017/2226[1] ("ir-Regolament EES"). Bħala bażi tad-data ċentralizzata, l-EES tirreġistra d-dħul, il-ħruġ u r-rifjuti ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni ta' 29 Stat Membru ta' Schengen għal soġġorn qasir. L-EES tirrappreżenta pass sinifikanti fl-isforzi tal-UE biex ittejjeb is-sigurtà u l-effiċjenza fil-fruntieri esterni tagħha. Għall-ewwel darba, sistema se tiġbor data bijometrika, bħall-immaġnijiet tal-wiċċ u l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni. L-EES se tagħti lill-Istati Membri ta' Schengen aċċess f'ħin reali għad-data personali, l-istorja tal-ivvjaġġar u l-informazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar jekk jikkonformawx mal-perjodu awtorizzat ta' soġġorn qasir fiż-żona Schengen. B'riżultat ta' dan, l-EES se tnaqqas b'mod sinifikanti l-probabbiltà ta' frodi tal-identità u ta' soġġorn wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, u fl-aħħar mill-aħħar se ssaħħaħ is-sigurtà taż-żona Schengen.

Minkejja sforzi sinifikanti mill-Istati Membri, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA, European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the Area of Freedom, Security and Justice) u mill-Kummissjoni, mhuwiex possibbli li l-EES titnieda fir-raba' trimestru tal-2024 kif approvat mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni f'Ottubru 2023[2]. Il-Kummissjoni ma rċevietx in-notifiki kollha mill-Istati Membri skont l-Artikolu 66(1)(c) tar-Regolament EES, li huwa rekwiżit legali biex l-EES tibda topera. Filwaqt li għadd kbir ta' Stati Membri nnotifikaw l-istat ta' tħejjija tagħhom lill-Kummissjoni, ċerti Stati Membri indikaw li mhumiex f'pożizzjoni li jagħmlu dan. Fl-istess ħin, bidu sħiħ tal-operazzjonijiet mil-lum għal għada jikkostitwixxi fattur ta' riskju għar-reżiljenza ta' sistema kumplessa tal-IT, bħas-Sistema Ċentrali tal-EES.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-partijiet ikkonċernati involuti fl-operazzjonijiet tal-EES għamlu ċara l-preferenza tagħhom li l-introduzzjoni ta' proċessi ġodda fil-fruntieri esterni għandha tkun preċeduta minn perjodu ta' aġġustament għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-vjaġġaturi biex jingħata grad akbar ta' ċertezza. It-tnedija sħiħa ta' sistema ġdida tal-IT fuq skala kbira fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha fejn huma meħtieġa aġġustamenti tekniċi f'ħin reali tista' toħloq riskji biex l-ivvjaġġar jiġi żgurat u jkun bla xkiel, b'mod partikolari f'żoni fejn l-infrastruttura eżistenti, in-nuqqas ta' spazju jew restrizzjonijiet oħra diġà joħolqu sfidi. Dawn l-isfidi huma aggravati mid-differenzi fost l-Istati Membri dwar il-mod kif l-EES

[1] Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011, (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2226/2021-08-03).

[2] L-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà li tinvolvi l-EES bħala l-ewwel sistema, segwita mill-ETIAS (European Travel Information and Authorisation System), l-ECRIS-TCN (European Criminal Records Information System for third-country nationals), il-Eurodac il-ġdida, il-VIS (Visa Information System) riveduta u r-Regolamenti dwar l-"Interoperabbiltà" introdotti b'mod parallel, issegwi pjan direzzjonali, li kien ġie rivedut minħabba kumplessitajiet emerġenti.

qed tiġi implimentata minħabba d-diversità tal-punti ta' qsim tal-fruntieri u l-approċċi differenti għall-awtomatizzazzjoni u għall-iskjerament ta' teknoloġiji ġodda.

Madankollu, ir-Regolament EES jippermetti biss bidu sħiħ tal-operazzjonijiet, li jirrikjedi li l-Istati Membri kollha jibdew jużaw l-EES b'mod sħiħ u simultanju għall-vjaġġaturi kollha li huma soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni kollha tagħhom. Ma jipprevedix l-għażla ta' perjodu ta' aġġustament.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jidher li l-objettivi tal-EES jistgħu jintlaħqu b'mod aktar effettiv u b'ċertezza akbar jekk jiġi introdott grad ta' flessibbiltà fil-bidu tal-operazzjonijiet tas-sistema. Għal dak l-għan, huwa meqjus meħtieġ Regolament li jippermetti bidu progressiv tal-operazzjonijiet għal perjodu ta' żmien limitat. Dan ir-Regolament propost jidderoga mir-Regolament EES sal-punt meħtieġ biex jippermetti bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Dan se jippreserva l-isforzi li saru kemm mill-eu-LISA kif ukoll mill-Istati Membri, filwaqt li jilħaq l-objettivi tal-EES biex jimmodernizza l-ġestjoni tal-fruntieri esterni u jikkontribwixxi għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, ir-Regolament propost joffri approċċ flessibbli li jakkomoda l-ħtiġijiet diversi tal-Istati Membri. Dan jippermetti lil dawk li jixtiequ jimplimentawh gradwalment biex jagħmlu dan, filwaqt li jippermetti lil oħrajn jibdew joperaw kompletament mill-ewwel jum. Madankollu, ta' min jinnota li l-benefiċċji sħaħ tal-EES se jkunu disponibbli biss ladarba l-Istati Membri kollha jkunu qed japplikawh bis-sħiħ.

Din il-proposta tintroduċi wkoll miżuri li jippermettu lill-Istati Membri jiġġestixxu b'mod effettiv iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal problemi tekniċi jew perjodi ta' domanda għolja għall-ivvjaġġar. Sabiex itaffu dawn ir-riskji, l-Istati Membri jistgħu jissospendu l-użu tas-sistema, kompletament jew parzjalment, għal perjodu qasir ta' żmien matul il-perjodu tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Dan il-mekkaniżmu se jinżamm ukoll għal perjodu limitat wara l-bidu sħiħ tal-operazzjonijiet.

Fi skambji fil-livell tal-esperti u f'dak tekniku kif ukoll fil-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri esprimew appoġġ għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet u rrikonoxxew li dan se jippermetti implimentazzjoni aħjar tar-regoli l-ġodda tal-EES fil-fruntieri esterni. L-approċċ progressiv intlaqa' tajjeb ukoll mill-biċċa l-kbira tat-trasportaturi u mill-operaturi tal-infrastruttura li tospita punti ta' qsim tal-fruntieri matul laqgħa ddedikata ma' dawn il-partijiet ikkonċernati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw koordinazzjoni xierqa mal-operaturi tal-infrastruttura ta' dawk il-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom tiġi skjerata l-EES. L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-trasparenza dwar l-iskjerament tal-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni tagħhom u jiżguraw li l-miżuri jiġu kkomunikati b'mod effettiv kemm lit-trasportaturi kif ukoll lill-vjaġġaturi.

- **Għanijiet tal-proposta**

L-objettivi ġenerali ta' din il-proposta jirriżultaw mill-għanijiet ibbażati fuq it-Trattati li tkompli tittejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni taż-żona Schengen billi jibdew japplikaw, malajr kemm jista' jkun, ir-regoli armonizzati tal-EES dwar il-movimenti transfruntiera u għalhekk jikkontribwixxu għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea.

Din l-inizjattiva twitti t-triq għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b'deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament EES u r-Regolament (UE) 2016/399 ("Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[3]") li jirrikjedu li l-Istati Membri jużaw is-sistema bis-sħiħ.

L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li tiffaċilita l-operazzjonalizzazzjoni tar-Regolament EES, u b'hekk tippermetti lill-Istati Membri jilħqu l-objettivi tas-sistema stabbiliti fir-Regolament EES fil-ħin u b'mod effiċjenti.

L-objettivi speċifiċi tal-proposta huma li:

1. tipprovdi flessibbiltà lill-Istati Membri biex jibdew jużaw l-EES skont il-livell ta' tħejjija tagħhom f'konformità mal-istandards għoljin tal-EES għall-użu ta' tagħmir teknoloġikament avvanzat għall-ġbir tad-data;

1. tiffaċilita l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali matul l-ewwel perjodu tal-operazzjonijiet tal-EES billi tippermetti li s-sistema tiġi implimentata gradwalment;

2. tiġġestixxi aħjar u tevita ħinijiet twal potenzjali ta' stennija fil-fruntieri esterni;

3. ittejjeb is-sitwazzjoni attwali billi tiżgura li l-utenti finali, bħall-gwardji tal-fruntiera, l-uffiċjali tal-immigrazzjoni, l-awtoritajiet tal-viża u l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, ikollhom aċċess għall-aktar informazzjoni aġġornata dwar l-identitajiet tal-vjaġġaturi anke jekk id-data rreġistrata fis-sistema ma tkunx kompluta minħabba l-iskjerament progressiv tal-EES;

4. tiżgura li jkun hemm fis-seħħ soluzzjonijiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw sitwazzjonijiet mhux mistennija li jistgħu jinqalgħu wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES biex jiġi evitat tfixkil fil-fruntieri esterni u ħinijiet twal ta' stennija;

5. tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali, lill-vjaġġaturi u lit-trasportaturi jaġġustaw għall-proċessi u t-teknoloġiji l-ġodda tal-ġestjoni tal-fruntieri;

6. tippreserva investimenti kbar li saru, b'mod partikolari dawk fl-infrastruttura, it-tagħmir u r-riżorsi umani, bi tħejjija għall-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-qafas legali attwali tal-UE f'dan il-qasam jikkonsisti fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kontrolli fil-fruntieri esterni. Il-leġiżlazzjoni proposta tikkontribwixxi wkoll għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u fil-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.[4]

Il-proposta hija konsistenti mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.[5]

---

[3] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1–52, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/2024-07-10).

[4] Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/2000/922/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/2016-05-04).

Ir-Regolament huwa kompletament konsistenti mal-qafas legali eżistenti għall-protezzjoni tad-data. Jipprovdi derogi temporanji mmirati mir-Regolament EES u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li huma meħtieġa biex ikun jistgħu jibdew b'mod progressiv l-operazzjonijiet tal-EES.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE**

Il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES se jkun konsistenti mal-applikazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS, Visa Information System) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS, European Travel Information and Authorisation System) futura, kif ukoll mal-komponenti futuri tal-interoperabbiltà li qed jiġu żviluppati mill-eu-LISA, jiġifieri l-Portal Ewropew tat-Tfittxija, is-Servizz kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku, ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità u d-Detettur ta' Identitajiet Multipli[6]. L-ippjanar integrat rivedut tal-ETIAS kif ukoll tal-komponenti kollha tal-interoperabbiltà se jiġi diskuss u miftiehem bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-eu-LISA fid-dawl tad-dħul fis-seħħ mistenni tal-EES.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Dan ir-Regolament jipprevedi deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament EES u tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li ġew adottati abbażi tal-Artikolu 77(2)(b) u (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 87(2)(a) tat-TFUE, u tal-Artikolu 77(2)(b) u (e) tat-TFUE, rispettivament. Huwa xieraq li dan ir-Regolament propost jiġi adottat abbażi tal-istess dispożizzjonijiet tat-TFUE bħal dawk tar-Regolament EES.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklużivi)**

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-azzjoni tal-UE tista' tittieħed biss jekk l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri waħedhom.

L-għan tar-Regolament propost huwa li jippermetti l-implimentazzjoni tar-regoli stabbiliti fir-Regolament EES. Bidu progressiv tal-operazzjonijiet ta' sistema ta' informazzjoni komuni b'regoli u skedi ta' żmien armonizzati ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. Hija meħtieġa azzjoni tal-UE biex jiġi żgurat il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea peress li mhux se tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti.

---

[6] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135 22.5.2019, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/817/2024-04-25).

B’mod partikolari, ir-Regolament propost joħloq deroga limitata mir-Regolament EES u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen bl-għan li jippermetti l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.

- **Għażla tal-istrument**

L-għanijiet tal-proposta jistgħu jiġu segwiti bl-aħjar mod permezz ta’ Regolament. Se jiżgura l-applikabbiltà diretta tad-dispożizzjonijiet u approċċ uniformi u konsistenti fiż-żona Schengen kollha. Dan huwa ta’ importanza partikolari peress li r-Regolament propost jidderoga mir-Regolament EES, li jistabbilixxi sistema ċentrali li permezz tagħha l-Istati Membri jikkooperaw u jistabbilixxi regoli dwar il-verifiki fuq il-fruntieri, u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen. Peress li r-Regolament propost għandu l-għan li jintroduċi obbligi uniformi fuq l-Istati Membri u l-operaturi tat-trasport, l-istrument xieraq li għandu jintuża biex jintlaħqu l-objettivi ta’ din l-inizjattiva huwa Regolament.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta qieset kif xieraq ir-riżultati ta’ proċess ta’ konsultazzjoni komprensiv matul it-tfassil u l-iżvilupp tal-EES. Dan il-proċess kien jinkludi diskussjonijiet ma’ esperti tal-IT, esperti tal-politika, esperti operazzjonali u legali mill-Istati Membri u l-eu-LISA fil-kuntest tal-Grupp Konsultattiv tal-eu-LISA, il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm tal-eu-LISA, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA u l-Kumitat għall-Fruntieri Intelliġenti. Kien hemm ukoll skambji mal-partijiet ikkonċernati u diskussjonijiet fil-Kunsill.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għandha l-għan li tintroduċi deroga limitata mir-Regolament EES u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen biex jiġi żgurat bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Minħabba l-objettiv ta’ politika, ma hemm l-ebda għażla ta’ politika oħra disponibbli. Għalhekk, valutazzjoni tal-impatt mhijiex xierqa jew meħtieġa.

Il-valutazzjonijiet tal-impatt għall-EES twettqu mill-2008, u flimkien mal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u d-diskussjonijiet fil-Kunsill u fil-Parlament Ewropew, kienu jikkostitwixxu l-bażi għal valutazzjoni tal-impatt dettaljata mħejjija mill-Kummissjoni li takkumpanja l-proposta dwar ir-Regolament EES[7]. Il-valutazzjoni tal-impatt iffokat fuq ħtiġijiet kruċjali għall-ġestjoni tal-fruntieri li għandhom jiġu indirizzati bl-istabbiliment tal-EES. L-impenji ewlenin li jeħtieġ li jiġu stabbiliti huma: (i) it-titjib tal-kwalità tal-verifiki fuq il-fruntieri; (ii) l-iżgurar tal-identifikazzjoni affidabbli tal-individwi; u (iii) it-tisħiħ tas-sigurtà

[7] SWD(2016) 114 final, SWD(2016) 115 final, SWD(2016) 116 final.

interna u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja. Dawn il-ħtiġijiet se jinkisbu biss permezz tad-dħul fis-seħħ tal-EES.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tqis bis-sħiħ id-drittijiet u l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, il-miżuri proposti jqisu l-Artikolu 6 tal-Karta li jipproteġi d-dritt fundamentali għal-libertà u s-sigurtà, l-Artikolu 7 tal-Karta li jipproteġi d-dritt fundamentali ta' kulħadd għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja tiegħu jew tagħha u l-Artikolu 8 dwar id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali. Il-miżuri proposti huma wkoll konformi mal-Artikolu 16 tat-TFUE li jiggarantixxi lil kulħadd id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tiegħu.

Il-proposta ma tbiddilx ir-regoli stretti ta' aċċess għall-EES, u s-salvagwardji meħtieġa stabbiliti fir-Regolament EES, inkluż ir-rispett għad-data personali bħala dritt fundamentali u d-dritt għall-informazzjoni.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-programm għall-monitoraġġ tal-outputs, tar-riżultati u tal-impatt tar-Regolament propost isegwi dak stabbilit fl-Artikolu 72 tar-Regolament EES.

Barra minn hekk, mekkaniżmu konsistenti bbażat fuq pjanijiet ta' introduzzjoni u obbligi ta' rapportar jippermetti t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-monitoraġġ ġenerali qabel u matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Il-pjanijiet ta' introduzzjoni żviluppati fil-livell ċentrali u nazzjonali huma r-riżultat ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, l-eu-LISA u l-Kummissjoni.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta hija magħmula mill-blokok deskritti hawn taħt.

– **Introduzzjoni gradwali (l-Artikoli 1, 2 u 4)**: L-Istati Membri se jibdew progressivament l-operazzjonijiet tal-EES, billi jibdew b'reġistrazzjoni minima ta' 10 % tal-qsim tal-fruntieri stmat u jilħqu reġistrazzjoni sħiħa tal-individwi kollha sa tmiem il-perjodu tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Ir-rifjuti tad-dħul se jiġu rreġistrati fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom topera l-EES. L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jaċċelleraw l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jew jibdew joperaw bis-sħiħ l-EES. Il-Europol se jibda juża wkoll l-EES mill-ewwel jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

– **Pjanijiet ta' introduzzjoni, monitoraġġ u rapportar (l-Artikolu 3)**: Id-dettalji tad-dħul fis-seħħ progressiv fil-livell ċentrali u nazzjonali se jiġu stabbiliti fil-pjanijiet ta' introduzzjoni tal-eu-LISA u tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni mal-

Kummissjoni. L-Istati Membri se jipprovdu rapporti ta' progress ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA. F'każ li Stat Membru jiddeċiedi li jibda jopera bis-sħiħ l-EES, il-pjan ta' introduzzjoni jispjega biss dik l-għażla.

– **Regoli temporanji li jidderogaw mir-Regolament EES u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikolu 5)**: L-ittimbrar obbligatorju tad-dokumenti tal-ivvjaġġar għall-individwi kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EES se jibqa' fis-seħħ sa tmiem il-perjodu tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Fejn tiġi skjerata l-EES, l-Istati Membri se jirreġistraw id-data tal-vjaġġaturi mid-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jirreġistraw id-data bijometrika b'mod progressiv. L-awtoritajiet li jaċċessaw id-data rreġistrata fl-EES matul il-perjodu tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES se jikkunsidraw it-timbri bħala prevalenti fuq id-data rreġistrata fl-EES. L-interoperabbiltà bejn l-EES u l-VIS se tintuża fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom titħaddem l-EES. Il-konsegwenzi possibbli tal-informazzjoni dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat ipprovdut mill-kalkolatur awtomatizzat se jiġu injorati. Il-verifika tal-identità u r-reġistrazzjoni preċedenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi se jsiru biss fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom titħaddem l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi. Is-sit web, il-kampanja ta' informazzjoni u l-mudell li għandu jingħata lill-vjaġġaturi se jiġu adattati biex jirriflettu l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-istrumenti legali tal-UE u applikazzjoni ċara tar-regoli, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament EES u tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen se jiġu sospiżi matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.

– **Aċċess għad-data tal-EES (l-Artikolu 6)**: L-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw li d-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES tista' ma tkunx kompluta. Id-data rreġistrata fl-EES matul il-perjodu tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet mhux se tintuża mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għall-analiżi tar-riskju u l-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà. L-użu ta' diversi funzjonalitajiet tal-EES li jeħtieġu l-applikazzjoni uniformi tal-EES fl-Istati Membri kollha se jiġi sospiż matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. It-trasportaturi jistgħu jibdew jużaw is-servizz web 90 jum biss wara l-bidu tal-perjodu tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

– **Sospensjoni tal-operazzjonijiet tal-EES (l-Artikolu 7):** F'każijiet eċċezzjonali ta' ħsara fis-Sistema Ċentrali tal-EES, fis-sistemi nazzjonali jew fl-infrastruttura ta' komunikazzjoni, jew ħinijiet ta' stennija eċċessivi fil-fruntieri, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jirreġistraw l-ebda data (sospensjoni sħiħa) jew li ma jirreġistrawx data bijometrika (sospensjoni parzjali). Sospensjoni parzjali se tkun possibbli wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet għal perjodu limitat f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri jsiru eċċessivi.

– **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni (l-Artikolu 8)**: Il-proposta tistabbilixxi tliet fażijiet ta' applikabbiltà: (i) ix-xogħol preparatorju relatat mal-pjanijiet ta' introduzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3 jiskatta sad-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost; (ii) il-perjodu tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet jibda mid-data deċiża mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament EES wara li tkun irċeviet in-notifiki kollha mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 66(1)(c) tar-Regolament EES; u (iii) se japplika perjodu estiż ta' applikabbiltà għal xi wħud mir-regoli derogatorji dwar l-applikazzjoni tal-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali, l-aċċess għal fajls mhux kompluti u l-użu tagħhom u dwar l-obbligu tat-trasportaturi li jivverifikaw it-timbri miżjuda fid-dokumenti tal-ivvjaġġar imsemmija fl-Artikolu 6 u

l-mekkaniżmu ta’ sospensjoni msemmi fl-Artikolu 7. In-notifiki mill-Istati Membri skont l-Artikolu 66(1)(c) tar-Regolament EES għandhom jitqiesu fid-dawl tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Permezz ta’ dawn in-notifiki, l-Istati Membri jikkonfermaw il-kapaċità tagħhom li jużaw l-EES. Madankollu, dan ma jfissirx li l-punti kollha ta’ qsim tal-fruntieri jeħtieġ li jkunu kompletament lesti u mgħammra mill-bidu tal-approċċ progressiv.

2024/0315 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/399 fir-rigward ta' bidu progressiv tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2), il-punti (b) u (d), u l-Artikolu 87(2), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja[1],

Billi:

(1) L-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], li jistabbilixxi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES", Entry/Exit System), jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi d-data minn meta l-EES għandha tibda topera, dment li jiġu ssodisfati ċerti kondizzjonijiet.

(2) Madankollu, il-Kummissjoni ma rċevietx in-notifiki kollha skont l-Artikolu 66(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/2226, li hija waħda mill-kondizzjonijiet biex tittieħed deċiżjoni dwar il-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES.

(3) Ir-Regolament (UE) 2017/2226 jippermetti biss bidu sħiħ tal-operazzjonijiet, li jirrikjedi li l-Istati Membri kollha jibdew jużaw l-EES bis-sħiħ għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES u jużaw l-EES simultanjament fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha tagħhom.

(4) Sabiex l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex jibdew jużaw l-EES skont il-livell ta' tħejjija tagħhom u jiġu ffaċilitati l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali meta jibdew joperaw l-EES, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-aġġustamenti jirriflettu l-flussi potenzjali tal-ivvjaġġar u l-istaġuni l-aktar intensivi, jenħtieġ li tali bidu progressiv ikollu durata ta' 180 jum kalendarju.

---

[1] [spazju riżervat] Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' [id-data għandha tiżdied wara l-ftehim] u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' [id-data għandha tiżdied wara l-ftehim].

[2] Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2226/oj).

(5) Għalhekk, sabiex ikun jista' jsir bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jeħtieġ li ssir deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ("Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"). Regoli oħra stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 li mhumiex affettwati minn dan ir-Regolament japplikaw kif previst f'dak ir-Regolament. B'mod partikolari, id-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet issegwi r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 u titqies affidabbli u preċiża.

(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibdew progressivament joperaw l-EES biex jirreġistraw, mad-dħul u mal-ħruġ, id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar. Jekk ikun possibbli u applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar. Sabiex tiġi żgurata tnedija kkontrollata tal-EES u biex jiġu ġestiti u evitati ħinijiet ta' stennija twal potenzjali fil-fruntieri, fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-funzjonalitajiet kollha tal-EES b'mod progressiv u jirreġistraw id-data taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES gradwalment. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet jiġi implimentat f'fażijiet, li jenħtieġ li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri. L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jaċċelleraw l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jew jibdew joperaw l-EES bis-sħiħ mill-bidu tal-approċċ progressiv.

(7) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskjerament bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA, European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the Area of Freedom, Security and Justice) tiżviluppa pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli biex tipprovdi gwida lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-iskjerament tal-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tagħha u jenħtieġ li tippreżentah lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan il-pjan jinkludi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali kif speċifikat mill-eu-LISA għal kull fażi ta' mobilizzazzjoni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jibdew jew javvanzaw l-operazzjonijiet iqisu l-kapaċità tas-Sistema Ċentrali kif deskritt fil-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli.

(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA. Għal kull waħda mill-fażijiet tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti, b'mod partikolari: (i) id-data minn meta l-EES se topera f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera; (ii) il-perċentwal tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri li għandhom jiġu rreġistrati fl-EES mill-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES; u (iii) fejn applikabbli, il-funzjonalitajiet bijometriċi li għandhom jitħaddmu f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera magħżul. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkoordinaw b'mod xieraq mal-operaturi tal-infrastruttura fejn jinsabu l-punti ta' qsim tal-fruntieri. Sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-bidu

[3] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj).

progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li tali rapporti ta' kull xahar jinkludu miżuri korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

(9) Minħabba l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES u l-inkompletezza possibbli tad-data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li d-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu ttimbrati b'mod sistematiku mad-dħul u mal-ħruġ matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu l-inkompletezza possibbli tar-rekords tad-dħul/ħruġ jew tar-rekords tar-rifjut ta' dħul u jenħtieġ li jikkunsidraw it-timbri bħala prevalenti fuq l-informazzjoni rreġistrata fl-EES. Barra minn hekk, meta jipprovdu informazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom fuq it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar. Jenħtieġ li d-data rreġistrata fl-EES tipprevali f'każ li jkun hemm timbru nieqes.

(10) Meta jitqies li d-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES tista' ma tkunx kompluta, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali ma jqisux ir-riżultati pprovduti mill-kalkolatur awtomatizzat dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi rreġistrati fl-EES. Bl-istess mod, meta jwettqu l-kompiti tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali ma jqisux il-mekkaniżmu awtomatizzat biex jidentifikaw jew jimmarkaw in-nuqqas ta' rekords tal-ħruġ wara d-data tal-iskadenza ta' soġġorn awtorizzat jew ir-rekords li għalihom ikun inqabeż it-tul massimu tas-soġġorn awtorizzat, li jiġġeneraw listi ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn.

(11) Sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jaġġustaw għall-bidu tal-EES, għall-ewwel 60 jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta' funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri ma jkunx obbligatorju. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. Jenħtieġ li l-forniment ta' data bijometrika ma jkunx kundizzjoni tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi.

(12) Sabiex tiġi akkomodata l-ħtieġa li l-EES tiġi skjerata progressivament b'funzjonalitajiet bijometriċi f'xi punti ta' qsim tal-fruntieri, il-verifika bijometrika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES jenħtieġ li titwettaq biss fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom titħaddem l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi.

(13) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-operazzjonijiet tal-interoperabbiltà bejn is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS, Visa Information Systema) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] u l-EES, jenħtieġ li l-VIS tiġi aċċessata direttament biss f'dawk il-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom ma tiġix operata l-EES. Fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn titħaddem l-EES,

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/767/oj).

jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-fruntieri jagħmlu użu mill-interoperabbiltà bejn l-EES u l-VIS.

(14) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-data tagħhom għandha tiġi rreġistrata fl-EES jiġu infurmati dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-ipproċessar tad-data tagħhom fil-forma ta' mudell kif previst fl-Artikolu 50(5) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Jenħtieġ li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lil ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni tal-EES tirreferi għall-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu infurmati fil-mudell tal-obbligu tagħhom li jipprovdu data bijometrika fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn dan jikkostitwixxi kundizzjoni ta' dħul. Jenħtieġ li jkunu konxji fil-mudell tal-konsegwenzi jekk ma tiġix ipprovduta data bijometrika. Jenħtieġ li jiġu infurmati fil-mudell li mhux se jkun possibbli għalihom li jivverifikaw it-tul li jifdal tas-soġġorn awtorizzat b'mezzi awtomatizzati.

(15) Sabiex jiġi rifless il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-Kummissjoni tintroduċi aġġornamenti rilevanti fis-sit web tal-EES.

(16) L-għan li titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet u l-obbligi speċifiċi tagħhom jinkiseb l-aħjar jekk l-Istati Membri jadattaw l-implimentazzjoni tal-kampanja abbażi ta' kif l-EES se topera fil-fruntieri tagħhom li fihom titħaddem l-EES f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/2226. Għalhekk, jenħtieġ li l-materjali ta' informazzjoni żviluppati mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/2226 jiġu adattati biex titwettaq il-kampanja ta' informazzjoni li takkumpanja l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

(17) Matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, is-servizz web mhux se jippermetti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jivverifikaw b'mod elettroniku t-tul eżatt tas-soġġorn awtorizzat tagħhom.

(18) Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-obbligi tat-trasportaturi tal-ajru, it-trasportaturi bil-baħar u t-trasportaturi internazzjonali li jittrasportaw gruppi fuq l-art bil-kowċ kif stabbilit fl-Artikolu 26(1) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen[5] u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE.[6] F'dan ir-rigward, jenħtieġ li t-trasportaturi jivverifikaw it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar. Sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni effettiva mat-trasportaturi dwar l-applikazzjoni distinta tal-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' benefiċċju għall-vjaġġaturi, huwa kruċjali li l-Istati Membri jkunu trasparenti dwar l-iskjerament tal-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom.

(19) L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Artikolu 12a tar-Regolament (UE) 2016/399 jipprevedu perjodu tranżitorju u miżuri tranżizzjonali li jirreferu għall-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES. Jeħtieġ li ssir deroga minn dawk l-Artikoli biex jiġi żgurat li l-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali japplikaw biss minn tmiem il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Jenħtieġ li dik id-deroga tieqaf tapplika 5 snin u 180

---

5 Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom ("il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen") (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/2000/922/oj).

6 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE tat-28 ta' Ġunju 2001 li tissupplementa d-dispożizzjoni tal-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 ((ĠU L 187, 10.7.2001, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/51/oj).

jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

(20) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, jevitaw li jieħdu deċiżjonijiet ibbażati esklużivament fuq data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li huma jqisu li l-fajls individwali rreġistrati fl-EES jista' jkun fihom settijiet ta' data mhux kompluti. Jenħtieġ li dik id-deroga tieqaf tapplika 5 snin wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 biex tirrifletti l-perjodu taż-żamma ta' 5 snin għas-settijiet ta' data li għalihom ir-rekord tal-ħruġ ikun nieqes kif stabbilit fl-Artikolu 34(3) ta' dak ir-Regolament.

(21) Meta jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet fir-Regolament (UE) 2017/2226 dwar l-emenda tad-data u t-tħassir bil-quddiem tad-data, jenħtieġ li l-Istati Membri jlestu d-data mhux kompluta sa fejn ikun permess mid-disponibbiltà limitata tas-settijiet ta' data rreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

(22) Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta żżomm lura milli tuża data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet għat-twettiq ta' analiżijiet tar-riskju u valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà minħabba l-inkompletezza tad-data li tista' twassal għal valutazzjonijiet tar-riskju u tal-vulnerabbiltà qarrieqa.

(23) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom ma tiġix operata l-EES, jenħtieġ li l-verifiki fuq il-fruntieri jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 kif applikabbli [il-jum qabel id-data minn meta l-EES għandha tibda topera kif deċiż mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226]. Fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn titħaddem l-EES, jenħtieġ li l-verifiki fuq il-fruntieri jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Madankollu, jenħtieġ li japplikaw derogi speċifiċi minn dawn ir-Regolamenti fir-rigward tal-verifika fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom titħaddem l-EES mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi biex jippermettu l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Dan jenħtieġ li jseħħ mingħajr preġudizzju għall-verifiki tad-detenturi tal-viża bl-użu tal-marki tas-swaba', f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 787/2008.

(24) Sabiex ikun jista' jsir aġġustament effettiv tal-arranġamenti tekniċi u organizzattivi matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES f'kull Stat Membru u biex jiġu indirizzati ċirkostanzi eċċezzjonali ta' falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, jew ħinijiet ta' stennija eċċessivi fil-fruntieri tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-operazzjonijiet tal-EES f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntieri, b'mod sħiħ jew parzjali. F'każ ta' sospensjoni parzjali, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES tiġi sospiża. F'każ ta' sospensjoni sħiħa, jenħtieġ li ma tiġi rreġistrata l-ebda data fl-EES. Sabiex jittaffew ir-riskji addizzjonali relatati mal-iskjerament tal-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà, f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri jsiru eċċessivi, li jissospendu r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Jenħtieġ li tali sospensjoni tkun possibbli għal perjodu limitat ta' 60 jum wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, u jenħtieġ li tiġi estiża b'60 jum jekk inqas

minn 80 % tal-fajls individwali rreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ikun fihom data bijometrika.

(25) Jenħtieġ li l-eu-LISA toħroġ rapporti dwar l-istatistika dwar l-użu tas-sistema, li jenħtieġ li sservi biex tevalwa l-prestazzjoni tas-sistema, tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mal-pjanijiet ta' introduzzjoni, tidentifika oqsma għal titjib, timmonitorja l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, u tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni ulterjuri tas-sistema.

(26) Jenħtieġ li l-ħidma preparatorja relatata mal-pjanijiet ta' introduzzjoni tiġi attivata sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet japplika mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament EES. Peress li dan ir-Regolament jipprevedi derogi temporanji, jenħtieġ li jieqaf japplika 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Madankollu, jenħtieġ li r-regoli derogatorji dwar l-applikazzjoni tal-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali, l-aċċess għad-data tal-EES, il-verifika mit-trasportaturi tat-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar u s-sospensjoni tal-EES japplikaw għal perjodu limitat wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

(27) L-objettiv ta' dan ir-Regolament, li jawtorizza derogi mir-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/299 li jipprevedu bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-impatt tal-azzjoni, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-UE tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(28) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Billi dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, jenħtieġ li d-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien 6 xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament jekk hix se timplimentah fid-dritt nazzjonali tagħha jew le.

(29) Dan ir-Regolament ma jikkostitwixxix żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda tieħu sehem f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE. Għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(30) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk l-istati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE.

(31) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-

*acquis* ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE.

(32) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE.

(33) Fir-rigward ta' Ċipru, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mal-VIS jikkostitwixxu dispożizzjonijiet li jibnu fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li huma relatati miegħu b'xi mod ieħor fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003. L-operat tal-EES jeħtieġ l-għoti ta' aċċess passiv għall-VIS. Peress li l-EES għandha titħaddem biss minn dawk l-Istati Membri li jissodisfaw il-kondizzjonijiet relatati mal-VIS fil-bidu tat-tħaddim tal-EES, Ċipru mhux se jħaddem l-EES mill-bidu tal-operazzjonijiet. Ċipru għandu jiġi konness mal-EES hekk kif jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet tal-proċedura msemmija fir-Regolament (UE) 2017/2226.

(34) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fi [xx].

(35) Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli stretti dwar l-aċċess għall-EES kif ukoll is-salvagwardji neċessarji għal tali aċċess. Jistabbilixxi wkoll id-drittijiet ta' aċċess, rettifika, tlestija, tħassir u rimedju tal-individwi, b'mod partikolari d-dritt għal rimedju ġudizzjarju u s-superviżjoni ta' operazzjonijiet ta' pproċessar minn awtoritajiet pubbliċi indipendenti. Dan ir-Regolament għalhekk jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għad-dinjità umana, il-projbizzjoni tal-iskjavitù u x-xogħol furzat, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà; ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għan-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-anzjani, l-integrazzjoni tal-persuni diżabbli u d-dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ xieraq.

(36) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi li joħorġu mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentat mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967.

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES, Entry/Exit System) fil-fruntieri tal-Istati Membri li fihom titħaddem l-EES f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/2226 u derogi temporanji mir-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/399.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Barra minn hekk, id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

(a) "bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES" tfisser il-perjodu ta' 180 jum kalendarju li jibda mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;

(b) "awtoritajiet nazzjonali" tfisser l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2226;

(c) "għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri" tfisser stima minn Stat Membru tal-għadd ta' qsim tal-fruntieri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 f'kull Stat Membru abbażi tal-medja annwali tal-għadd totali ta' qsim tal-fruntieri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw għal soġġorn qasir f'dak l-Istat Membru kkalkulat għat-3 snin preċedenti mid-data tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu, ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

*Pjanijiet ta' introduzzjoni*

1. Sa [it-30 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Europol, bi pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b'kont meħud tal-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Dak il-pjan ta' introduzzjoni għandu jinkludi gwida dwar l-użu tal-EES lill-Istati Membri u lill-Europol, inklużi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali tal-EES.

2. Sa [is-60 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-eu-LISA, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjan ta' introduzzjoni nazzjonali dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, filwaqt li jqisu l-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.

3. Għal kull waħda mill-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4, il-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali għandhom jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Artikolu.

4. Mit-30 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali tagħhom, inklużi miżuri korrettivi fejn meħtieġ biex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4.

5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-istatistika meħtieġa għall-monitoraġġ tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 63(6) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

*Artikolu 4*

*Bidu progressiv tal-operazzjonijiet*

1. B'deroga mill-Artikolu 66(6) tar-Regolament (UE) 2017/2226 matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom jużaw l-EES kif stabbilit f'dan l-Artikolu.

2. Mill-ewwel jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, kull Stat Membru għandu jibda juża l-EES mad-dħul u mal-ħruġ f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar ma' taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar, jekk possibbli u applikabbli, biex jirreġistra u jaħżen data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw fl-EES mill-inqas 10 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru.

   Għall-ewwel 60 jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu joperaw l-EES mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi, u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu joħolqu jew jaġġornaw fajls individwali mingħajr data bijometrika.

3. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw mill-inqas 50 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru. Il-fajls individwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 li huma rreġistrati fl-EES għandu jkun fihom data bijometrika.

4. Mhux aktar tard mill-150 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha tagħhom u għandhom ikomplu jirreġistraw fl-EES mill-inqas 50 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru.

5. Mhux aktar tard mill-170 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha tagħhom u għandhom jirreġistraw fl-EES iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

6. Ir-rifjuti tad-dħul, deċiżi f'punt ta' qsim tal-fruntiera li fih titħaddem l-EES, għandhom jiġu rreġistrati fl-EES, kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2226. Meta l-EES titħaddem b'funzjonalitajiet bijometriċi, ir-rifjuti tad-dħul għandhom jiġu rreġistrati b'data bijometrika. Meta l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi, ir-rifjuti tad-dħul għandhom jiġu rreġistrati mingħajr data bijometrika.

7. Mill-ewwel jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, il-Europol għandha tuża l-EES kif previst fir-Regolament (UE) 2017/2226.

*Artikolu 5*

*Derogi oħra mir-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/399*

1. Minbarra r-regoli tal-Artikolu 4, ir-regoli stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.

2. L-awtoritajiet tal-fruntieri għandhom jittimbraw sistematikament id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 mad-dħul u l-ħruġ.

   L-obbligi tal-ittimbrar imsemmija fl-Artikolu 42a(1), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 42a(2), (5) u (6) tar-Regolament (UE) 2016/399 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fl-Istati Membri li jħaddmu l-EES.

3. Għad-dħul, l-emendar, it-tħassir u l-konsultazzjoni tad-data fl-EES, l-awtoritajiet nazzjonali li huma kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikoli 23 sa 35 tar-Regolament (UE) 2017/2226 għandhom iqisu li t-timbri jipprevalu fuq id-data tal-EES, inkluż f'każijiet ta' diskrepanza jew fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 16(4) ta' dak ir-Regolament. Id-data rreġistrata fl-EES għandha tipprevali f'każ li jkun hemm timbru nieqes.

4. Fin-nuqqas ta' timbru mwaħħal fid-dokument tal-ivvjaġġar u ta' fajl individwali maħluq fl-EES għal ċittadin ta' pajjiż terz preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jippreżumu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet relatati mad-dħul jew mas-soġġorn fl-Istati Membri.

   Din il-preżunzjoni ma għandhiex tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jipprovdu, bi kwalunkwe mezz, evidenza kredibbli li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni, li għandhom dritt ta' residenza fi Stat Membru ospitanti skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit, jew li għandhom permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil.

   Din il-preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata meta ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jipprovdu, bi kwalunkwe mezz, evidenza kredibbli li huma jkunu rrispettaw il-kondizzjonijiet relatati mat-tul ta' soġġorn qasir.

   Meta l-preżunzjoni tiġi kkonfutata, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom iwettqu wieħed jew aktar mill-kompiti li ġejjin fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom titħaddem l-EES, sa fejn ikun permess minn dan ir-Regolament:

   (a) joħolqu fajl individwali fl-EES għal dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jekk ikun meħtieġ;

   (b) jaġġornaw l-aħħar rekord tad-dħul/tal-ħruġ billi jdaħħlu d-data nieqsa;

   (c) iħassru fajl eżistenti fejn l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2017/2226 jipprevedi tali tħassir.

5. L-awtoritajiet tal-fruntieri għandhom jagħmlu użu mill-interoperabbiltà bejn l-EES u l-VIS imsemmija fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 biss fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom titħaddem l-EES. L-awtoritajiet tal-fruntieri għandhom ikomplu jaċċessaw il-VIS direttament:

   (a) fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn l-EES ma tiġix operata;

   (b) fejn l-EES tkun sospiża f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

6. L-awtoritajiet nazzjonali u l-Europol għandhom jinjoraw dan li ġej:

   (a) ir-riżultati tal-kalkolatur awtomatizzat li jipprovdi informazzjoni dwar it-tul massimu tas-soġġorn awtorizzat imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2017/2226;

   (b) il-lista ġġenerata awtomatikament ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn u l-konsegwenzi tagħha b'mod partikolari kif imsemmi fl-Artikolu 6(1), il-punti (c) u (h), l-Artikolu 12(3), l-Artikolu 16(4), l-Artikolu 34(3), l-Artikolu 50(1), il-punti (i) u (k), l-Artikolu 63(1), il-punt (e) ta' dak ir-Regolament.

7. L-operazzjonijiet ta' pproċessar mill-Istati Membri li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament ma għandhomx jitqiesu bħala illegali jew mhux konformi mar-Regolament (UE) 2017/2226 għall-finijiet tal-Artikoli 45 u 48 ta' dak ir-Regolament.

8. Il-verifika tal-identità u r-reġistrazzjoni preċedenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2017/2226 għandha titwettaq fuq iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) ta' dak ir-Regolament fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom titħaddem l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi, inkluż permezz ta' sistemi self-service, fejn disponibbli.

9. Minbarra l-informazzjoni speċifika msemmija fl-Artikolu 50(5) tar-Regolament (UE) 2017/2226 li għandha tiżdied mill-Istati Membri fil-mudell biex tiġi pprovduta informazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom fl-EES, l-Istati Membri għandhom jakkumpanjaw il-mudell li għandu jingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi meta jkun qed jinħoloq il-fajl individwali tal-persuna kkonċernata bl-informazzjoni li ġejja:

   "Is-sistema ta' Dħul/Ħruġ qed tiġi introdotta progressivament. Matul dan il-perjodu ta' introduzzjoni [minn ...], id-data personali tiegħek, inkluża d-data bijometrika tiegħek, tista' ma tinġabarx għall-finijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni kollha tal-Istati Membri. Jekk ikollna bżonn niġbru din l-informazzjoni b'mod obbligatorju u tagħżel li ma tipprovdihiex, tiġi rifjutat id-dħul. Matul dan il-perjodu ta' introduzzjoni progressiva d-data tiegħek mhux se tiżdied awtomatikament ma' lista ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn. Barra minn hekk, mhux se tkun tista' tiċċekkja kemm inti awtorizzat li tibqa' tuża s-sit web jew it-tagħmir disponibbli fil-punti ta' qsim tal-fruntieri.

   Jekk jogħġbok innota li meta titlesta l-introduzzjoni progressiva tal-EES, id-data personali tiegħek tiġi pproċessata skont l-informazzjoni pprovduta fid-dokument li jakkumpanja din il-formola."

10. L-informazzjoni fis-sit web tal-EES imsemmija fl-Artikolu 50(3) tar-Regolament (UE) 2017/2226 għandha tiġi adattata mill-Kummissjoni biex tirrifletti l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

11. Il-kampanja ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/2226 li takkumpanja l-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES, għandha tirrifletti l-kondizzjonijiet speċifiċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, filwaqt li tiżgura li l-informazzjoni rilevanti tiġi kkomunikata lil dawk affettwati, u filwaqt li tqis il-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-materjali adattati tal-kampanja ta' informazzjoni.

12. L-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) u (2), l-Artikolu 13(1) u (2), l-Artikolu 20 u l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/2226 għandha tiġi sospiża.

13. B'deroga mill-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Artikolu 12a tar-Regolament (UE) 2016/399, il-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali stabbiliti f'dawk l-Artikoli għandhom japplikaw mill-ewwel jum wara li jkun intemm il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.

14. Fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn l-EES ma tiġix operata, il-verifiki fuq il-fruntiera għandhom jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 kif applikabbli fil-jum qabel id-data minn meta l-EES għandha tibda titħaddem kif deċiż mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

Fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn titħaddem l-EES, il-verifiki fuq il-fruntiera għandhom jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/399.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi, l-Artikolu 6(1), il-punt (f)(i), u d-dispożizzjonijiet dwar il-verifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi abbażi ta' data bijometrika, unikament għall-finijiet tal-EES, imsemmija fl-Artikoli 6, il-punt (f) (ii) u l-Artikolu 8 (3), il-punti (a) u (g) tar-Regolament (UE) 2016/399 ma għandhomx japplikaw.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2016/399 għandhom jiġu sospiżi.

*Artikolu 6*

*Aċċess għad-data tal-EES*

1. Meta jaċċessaw ir-rekords tad-dħul u tal-ħruġ irreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES fit-twettiq tal-kompiti tagħhom:

   (a) l-awtoritajiet nazzjonali u l-Europol għandhom iqisu li, minħabba l-operazzjonijiet varjabbli tal-EES f'kull Stat Membru matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, id-data tista' ma tkunx kompluta;

   (b) l-awtoritajiet nazzjonali għandhom iqisu li d-data tista' ma tkunx kompluta meta jikkomunikaw id-data f'konformità mal-Artikoli 41 u 42 tar-Regolament (UE) 2017/2226;

   (c) l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tqis li r-rekords tad-dħul u tal-ħruġ irreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES jistgħu jinkludu settijiet mhux kompluti ta' data għall-fini ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 25a(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

2. L-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni għandhom iqisu li d-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES tista' ma tkunx kompluta meta jaċċessaw id-data għar-rapportar u l-istatistika kif imsemmi fl-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2017/2226.

3. B'deroga mill-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2017/2226, it-trasportaturi jistgħu jibdew jużaw is-servizz web imsemmi f'dak l-Artikolu mid-90 jum kalendarju tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. It-trasportaturi għandhom jivverifikaw it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar bil-ħsieb li jissodisfaw l-obbligi

tagħhom skont l-Artikolu 26(1) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u skont id-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE għat-tul ta' żmien tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.

Għal perjodu ta' 180 jum kalendarju wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, it-trasportaturi għandhom, minbarra li jużaw is-servizz web kif imsemmi fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2017/2226, ikomplu jivverifikaw it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar bil-ħsieb li jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 26(1) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE.

4. Meta jissodisfaw l-obbligi msemmija fl-Artikoli 35 u 52 tar-Regolament (UE) 2017/2226 fir-rigward tat-tlestija ta' data personali rreġistrata fl-EES, l-Istati Membri għandhom jikkompletaw id-data rilevanti biss sa fejn ikun possibbli filwaqt li jqisu d-disponibbiltà limitata tas-settijiet ta' data miġbura matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Fejn applikabbli, id-deċiżjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 52(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226 għandha tirreferi għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament li jippermettu r-reġistrazzjoni ta' fajls mhux kompluti.

5. B'deroga mill-Artikolu 63(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2226, il-persunal debitament awtorizzat tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ma għandux jaċċessa d-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES għall-fini tat-twettiq ta' analiżijiet tar-riskju u valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà.

*Artikolu 7*

*Sospensjoni tal-EES*

1. Matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu jissospendu kompletament jew parzjalment it-tħaddim tal-EES f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntieri f'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, jew avvenimenti li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħin ta' stennija f'punt ta' qsim tal-fruntiera jsir eċċessiv.

F'każ ta' sospensjoni parzjali, għandha tinġabar id-data msemmija fl-Artikoli 16 sa 20 tar-Regolament (UE) 2017/2226, bl-eċċezzjoni tad-data bijometrika.

F'każ ta' sospensjoni sħiħa, l-Istati Membri għandhom jissospendu kompletament l-operazzjonijiet tal-EES u ma għandhomx jiġbru d-data msemmija fl-Artikoli 16 sa 20 ta' dak ir-Regolament.

Fiż-żewġ każijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih u mhux aktar tard minn 6 sigħat wara l-bidu tas-sospensjoni lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA r-raġuni għas-sospensjoni parzjali jew sħiħa u d-durata mistennija tagħha u jiżguraw li l-operaturi tal-infrastruttura li jospitaw il-punti ta' qsim tal-fruntieri u t-trasportaturi jiġu infurmati kif xieraq dwar tali sospensjoni. Ladarba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li wasslu għas-sospensjoni jieqfu, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA.

2. Għal perjodu ta' 60 jum kalendarju wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu jissospendu parzjalment it-tħaddim tal-EES kif imsemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, f'ċertu punt ta' qsim tal-

fruntiera għal żmien limitat ta' massimu ta' 6 sigħat u f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħin ta' stennija f'punt ta' qsim tal-fruntiera jsir eċċessiv. L-Istati Membri għandhom jinħelsu mill-obbligu tagħhom stabbilit fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 fir-rigward tad-data bijometrika. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih u mhux aktar tard minn 6 sigħat wara l-bidu tas-sospensjoni jinnotifikaw ir-raġuni għas-sospensjoni u d-durata mistennija tagħha lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA.

3. Jekk inqas minn 80 % tal-fajls individwali rreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ikun fihom data bijometrika, il-perjodu stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi estiż awtomatikament b'60 jum kalendarju.

4. Sa mhux aktar tard mill-10 jum kalendarju wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-eu-LISA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bi statistika li tippermetti lill-Kummissjoni tivverifika jekk dan il-perċentwal ikunx intlaħaq. Sa mhux aktar tard mit-30 jum kalendarju wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar l-eżitu tal-verifika tagħha.

*Artikolu 8*

*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fir-raba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

   Għandu japplika mid-data minn meta l-EES għandha tibda topera kif deċiż mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

   Madankollu, l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandu japplika mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Dan ir-Regolament għandu jieqaf japplika 180 jum kalendarju mid-data li minnha l-EES għandha tibda topera kif deċiż mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Madankollu:

   (a) L-Artikolu 5(13) għandu jieqaf japplika 5 snin u 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;

   (b) L-Artikolu 6(1), (2), (4) u (5) għandu jieqaf japplika 5 snin u 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;

   (c) L-Artikolu 6(3), it-tieni subparagrafu, għandu jieqaf japplika 360 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;

   (d) L-Artikolu 7(2) u (3) għandu jieqaf japplika 300 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;

   (e) L-Artikolu 7(4) għandu jieqaf japplika 210 ijiem kalendarji wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |